MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 635/2008/1

**Antonia *sive* Tania Baldacchino armla minn Joseph Baldacchino,**
**u Petra Lindsay Baldacchino mart David u Luana, xebba ahwa Baldacchino**

**v.**

**Edward Grima Baldacchino, Gordon Grima Baldacchino**
**u Maria Grima Baldacchino**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi. L-appellanti hassewhom aggravati mill-mod kif l-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament tal-provi biex waslet ghall-konkluzjoni li r-rekwiziti tal-azzjoni ta' spoll kienu gew sodisfatti.

**2.** Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:
"**Il-Qorti;**

"Rat ir-rikors guramentatipprezentat fl-20 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

"1. Illi l-atturi jippossjedu flimkien mal-konvenuti l-ghalqa msejha "Ta' Soru" f'Benghajsa, limiti ta' Birzebbugia, tal-kejl ta' cirka zewg (2) tomniet u tmiss mit-tramuntana mat-Triq tal-Fortizza ta' Benghajsa, nofsinhar ma' proprjeta ta' wlied Angelo Frendo u majjistral ma' beni ta' Giuseppe Aquilina jew *aventi causa*, liema ghalqa tikkomprendi giebja, *garage*, u razzett u hija murija bi vlegga u cirkondata bl-ahmar fil-pjanta hawn annessa mmarkata Dok 'A'.

"2. Illi l-esponenti Antonia Baldacchino skopriet li fl-ahhar granet ta' April jew fl-ewwel granet ta' Mejju 2008, l-entratura ghal bini li hemm f'nofs l-ghalqa (fuq deskritt bhala *garage),* li qabel kienet miftuha, giet imbarrata b'bieb imsakkar u kwindi l-atturi ma jistghux jaccedu iktar ghal go dan il-bini.

"3. Illi minhabba f'hekk l-attur nterpellaw b'ittra legali datata 29 ta' Mejju 2008 lil konvenuti (li huma l-unici kompussessuri ohra tal-ghalqa in kwistjoni sabiex jatuhom access ghall-imsemmija kamra (Dok 'B')

"4. Illi b'zewg ittri legali datati 6 ta' Gunju 2008 (Dok 'C' u Dok 'D'), il-kovenuti kkonfermaw bic-car li kienu huma li ghamlu dan il-bieb u sakkruh ghaliex, skond huma, il-pussess ekslussiv tal-ghalqa kollha tinsab f'idejn il-konvenuti Edward u Gordon Grima Baldacchino.

"5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"**<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>**

"Illi l-atturi huma kompussessuri mal-konvenuti tal-ghalqa msejha "Ta' Soru" f'Benghajsa, limiti ta' Birzebbugia, tal-kejl ta' cirka zewg (2) tomniet u tmiss mit-tramunta mat-triq tal-Fortizza ta' Benghajsa, nofsinhar ma' proprjeta` ta' wlied Angelo Frendo u majjistral ma' beni ta' Giuseppe Aquilina jew *aventi causa*, liema ghalqa tikkomprendi giebja, *garage* u razzett u hija murija bi vlegga u cirkondata bl-ahmar fil-pjanta hawn annessa markata Dok 'A'.

"Illi fl-ahhar ta' April 2008 jew fil-bidu ta' Mejju 2008, il-konvenuti vjolentement u klandestinamet spussessaw lill-atturi mill-access li kienu jgawdu ghal kamra li hemm f'nofs l-ghalqa fuq imsemmija billi ghamlu bieb li qed jinzamm imsakkar fl-entratura ta' din il-kamra.

"**<u>TALBIET</u>**

"Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi.

"2. Tikkundannahom sabiex fi zmien qasir u perentorju jergghu jirreintegraw lill-atturi fil-pussess tal-imsemmija kamra.

"3. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fil-kaz li l-konvenuti jonqsu milli jottempraw rwiehhom ma' dak ordnat lilhom bit-tieni talba, jaghmlu x-xoghlijiet necessarji, *occorrendo*

taht supervizjoni ta' perit nominat ghal tali skop, biex huma jergghu jkollhom il-pussess tal-imsemmija kamra.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 29 ta' Mejju 2008 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Edward, Gordon u Maria lkoll Grima Baldacchino, prezentata fit-28 ta' Novembru 2008, li permezz taghha eccepew:

“1. Illi l-azzjoni hija improponibbli peress illi l-atturi ma kellhomx pussess jew detenzjoni kif rikjest bil-ligi u li trid issir il-prova li l-azzjoni giet istitwita fit-terminu;

“2. Illi essenzjalment il-konvneuti Edward Grima Baldacchino u Gordon Grima Baldacchino huma l-proprjetarji tan-nofs indiviz tal-ghelieqi u tal-proprjeta` *de quo* in forza ta' att ta' donazzjoni ppubblikat minn Nutar Dr Pierre Cassar fil-25 ta' Lulju 2000 (Dok 'K' anness);

“3. Illi l-esponenti ghandhom il-pussess esklussiv u inekwivoku tal-art kif se jigi pruvat waqt il-kawza u ma kkommettew ebda att spoljattiv; *inoltre* huma inkwilini tal-ghelieqi *de quo* u li allura wkoll ghandhom u jezercitaw il-pussess;

“4. Illi ghaldaqstant ma jirrizultawx l-estremi tal-azzjoni tal-ispoll u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-affidavits;

“Rat il-pjanta mhejjija mill-A.I.C. Alan Saliba nominat ghal dan l-iskop.

“Semghet il-provi;

“Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2011 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li saret it-trattazzjoni tal-kawza mill-avukati rispettivi;

“Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-26 t’Ottubru 2011 fejn minhabba indispozizzjoni tal-Imhallef sedenti l-kawza regghet thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2011.

“Ikkunsidrat;

“Illi kif jidher car mir-rikors promotur din hija kawza ta’ spoll. L-atturi qed isostnu li l-konvenuti ghamlu u sakkru bieb li permezz tieghu ghalqu l-passagg ghall-ghalqa li ghaliha ghamlu referenza fl-istess rikors. Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi, u cjoe’:

“1. il-pussess – ***possedisse***;

“2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ tal-attur – ***spoliatum fuisse***; u
“3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

“Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li l-atturi kellhom il-pussess in kwistjoni. Jghidu li l-atturi ma jiddetjenux il-pussess kif trid il-ligi. Huma jeccepixxu li huma jiddetjenu l-ghalqa b’titolu ta’ donazzjoni skond l-att imsemmi fir-risposta li permezz taghha Grace Baldacchino li kienet omm ir-ragel tal-attrici Antonia Baldacchino u omm il-konvenuta Maria Grima Baldacchino kienet appuntu tat b’dan it-titolu n-nofs indiviz tal-ghalqa in kwistjoni.

“Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk il-kwistjoni principali f’din il-kawza hija jekk l-atturi kellhomx il-pussess rikjest mill-ligi. Il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar il-kwezit petitorju u ghalhekk ftit ghandu rilevanza l-kuntratt li ghalih sar riferenza <u>ghaliex quddiemha ghandha biss il-kwistjoni possessorja</u>. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28

ta’ Mejju 1956 fl-ismijiet **“Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello”** l-istess Qorti qalet illi:

*“Il-gurisprudenza tat-Tribunali taghna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta’ dawn il-ligijiet fis-sens li l-azzjoni ta’ spoll hija ‘di ordine pubblico’, unikament u esklussivament intiza biex timpedixxi li wiehed jaghmel gustizzja b’idejh minghajr l-intervent tat-Tribunal Civili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta’ agir simili. Ghalhekk il-ligi tivvjeta l-allegazzjoni ta’ kwalsiasi eccezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u ticcirkoskrivi l-ezami tal-Qorti ghall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni ghandha dejjem tigi ordnata mill-Qorti, kwanulunkwe l-pussess jista’ jkun vizzjat u min jikkometti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-haga li minnha l-possessur taghha jkun gie spolljat.”*

“Illi f’din is-sentenza l-Qorti ccitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi rriteniet *“che la reintegrazione dovra’ essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell’ attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l’ attore avesse sofferto lo spoglio; sicche’ l’ indagine intormo alla legittimita’ del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio …”*

“Illi fis-sentenza **“Delia vs Schembri”** (Prim’ Awla – 4 ta’ Frar 1958) gie ritenut illi:

*“L-azzjoni ta’ spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x’ikun ... li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata ... jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.”*

“Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *“qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta’ dello spogliato”*. (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawza **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deciza fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat."*

"Illi wiehed ukoll isib dikjarat illi:

*"Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huwa ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna"* – Appell Civili – **"Cardona vs Tabone"** – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi f'din il-kawza l-konvenuti mhumiex jichdu li ghamlu x-xoghlijiet illi minnhom qed jilmentaw l-atturi izda jsostnu illi huma biss kellhom il-pussess tal-ghalqa in kwistjoni u allura l-atturi ma jistghux jitolbu reintegrazzjoni fil-pussess ghaliex dan il-pussess ma kienx f'idejn l-atturi izda appuntu f'idejhom.

"Ghalhekk il-vertenza trid tigi deciza a bazi tal-kredibilita' tal-partijiet u skond il-piz tal-provi mressqa minnhom. L-**attrici** fl-affidavit taghha tghid li sakemm miet zewgha fl-2003 l-ghalqa kienu juzawha appuntu zewgha u hi u l-familja taghhom; l-ghalqa kienet tal-genituri tal-istess zewgha u l-konvenuta. Izzid tghid anzi li sa dak iz-zmien qatt ma kienet tara lill-konvenuti fuq il-post. Minn dak iz-zmien pero' xi bdiewa bdew jghidulha li kien qed ikun hemm il-konvenuta u Taljan illi llum saret taf li hu s-sieheb tal-istess konvenuta. Giet infurmata li sar il-bieb imsemmi fir-rikors minn certu Joe Debono illi huwa r-ragel ta' neputiha; dan kellu l-permess taghha jahdem l-ghalqa u jonsob fiha. Ikkonfermat li l-bieb ghalqitu l-konvenuta *tramite* l-haddied li gie nkarigat. Bintha **Petra Lindsay** u

zewgha **David** jikkonfermaw illi huma baqghu imorru fl-ghalqa regolarment.

“Illi l-imsemmi **Joseph Debono** (fol. 37) jghid illi fl-1998 kien gie moghti cwievet tal-kamra in kwistjoni mir-ragel tal-attrici biex imur jonsob fiha u qatt ma kellu problema jidhol fiha; kien anke jizra l-ful, tewm u qarabaghli. Jghid li qatt ma ra lill-konveut jew uliedha hemmhekk izda gieli ra lil certu Carmelo li anke gieli kien ikun mal-konvenuta bnadi ohra. Madankollu gieli ttiehedlu xi prodott – ma jafx minn min, u kemm ir-ragel tal-attrici u kemm l-atturi kienu jmorru jaghmlu xi *picnic* hemmhekk anke ma’ xi hbieb taghhom.

“Illi l-**konvenuta** pprezentat affidavit a fol. 44 fejn qalet li kienu hija u zewgha flimkien ma’ wliedhom li kienu jiffrekwentaw l-ambjenti in kwistjoni tant li ommha kienet tatha n-nofs indiviz permezz tal-kuntratt imsemmi u kriet in-nofs l-iehor lill-ulied l-istess konvenuta. Tghid ukoll li huha Joe (zewg l-attrici) kien jaf bil-kuntratti u meta sar jaf iddispjacih izda qalilhom li fuq kollox ma kienx baqa’ jmur hemm ghaliex ma kienx ghadu interessat fil-kacca. Tghid li hadu hsieb jaghlqu ghaliex bdew jindunaw li qed jidhlulhom in-nies fosthom immigranti llegali mill-*barracks* ta’ Hal Far. Uliedha l-konvenuti l-ohra pprezentaw affidavit wiehed bejniethom (fol. 51) li pero’ gie rimpjazzat b’affidavits separati minhabba oggezzjoni mill-kontro-parti. Dawn gew esebiti a fol. 123. Prattikament jghidu l-istess affarijiet u jzidu li l-bieb sar biex idahhlu s-servizz tal-elettriku fil-kamra. L-imsemmi **Carmelo Amato** u **Vanessa Frazier** (ukoll bint il-konvenuta) jikkonfermaw dak li gia’ nghad.

“Illi l-Qorti semghet lix-xhieda kwazi kollha in kontro-ezami u jidhrilha li l-verzjoni tal-atturi hija aktar *vero simili*. Il-Qorti hija konvinta li l-atturi kellhom tal-inqas ko-pussess tal-ghalqa in kwistjoni u minhabba f’hekk bdew il-manuvri legali u anqas legali biex il-konvenuti jakkwistaw l-ghalqa kollha ghalihom; kien allura ghalhekk li fl-2008 twahhal il-bieb imsemmi. Ix-xhud Debono, kontro-ezaminat fit-tul zamm sod mal-verzjoni tieghu u l-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-atturi ppruvaw konvincentement li kellhom il-ko-

pussess tal-ghalqa. Huwa stabbilit fil-gurisprudenza taghna li l-ko-possessur jista' jirnexxi ukoll *tramite* l-azzjoni ta' spoll. (Ara per ezempju s-sentenzi fl-ismijiet **"Emanuel Bajada et vs John Bajada et"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 t'April 2008 u **"Alfred Pisani nomine vs Victor Farrugia"** deciza mill-Prim' Awla fil-21 ta' Jannar 1994 fejn intqal li *"l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv."*

"**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi. Ghall-fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta' xahar, filwaqt li ghall-fini tat-tielet talba tinnomina lil A.I.C. Alan Saliba sabiex f'kull kaz jissorvelja x-xoghol.**

"**L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.**"

<u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

**3.** Il-bazi tal-ilment principali tal-appellanti fir-rigward tal-aggravji kollha mressqa minnhom hija l-allegat apprezzament hazin da parti tal-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha u kif dan l-apprezzament allura wassal lill-istess Qorti ghall-konkluzjoni allegatament zbaljata illi l-appellati effettivament kellhom pussess tal-ghalqa u kamra mertu ta' din il-kawza.

**4.** L-appellanti jsostnu illi l-pussess jew detenzjoni vantati mill-appellati ma gie bl-ebda mod stabbilit. Inoltre jsostnu li l-ewwel Qorti injorat diversi fatti importanti bhal perezempju t-titolu li kellhom tnejn mill-appellanti fuq nofs indiviz tal-istess proprjeta` u l-kirja li l-istess kellhom fuq l-art kollha. Skont l-istess appellanti l-ewwel Qorti lanqas ma tat spjegazzjoni kif waslet ghall-konkluzjoni li l-appellati kienu ko-pussessuri mal-appellanti tal-istess art.

**5.** Ghaldaqstant jidher car li dak li effettivament qeghdin jitolbu l-appellanti huwa li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, specjalment fuq il-

punt tal-pussess o meno li l-appellati seta' kellhom fuq l-art in kwistjoni. Din il-Qorti sahqet diversi drabi li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief fejn dak l-apprezzament ikun ser iwassal ghal amministrazzjoni palesament hazina tal-gustizzja. Dak li qeghdin jitolbu l-appellanti f'dan il-kaz, izda, imur kemmxejn oltre minn semplici ezercizzju ta' apprezzament ta' provi stante li huma qeghdin jishqu illi l-fatti pruvati ma jissodisfawx wiehed mill-elementi necessarji sabiex tista' tigi ezercitata l-azzjoni odjerna.

**6.** Huwa pacifiku li biex din l-azzjoni tigi esperita b'success l-attur irid jipprova li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess tal-oggett li gie minnu spoljat. Ma hux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu. Hu elementari f'materja ta' pussess, illi l-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-finijiet ta' azzjoni ta' reintegrazzjoni ma hemmx bzonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, imma huwa bizzejjed pussess kwalunkwe anke purament materjali u di fatto. Imma huwa dejjem mehtieg li l-attur jipprova li ghandu "un possesso di fatto"[1]

**7.** Inoltre, la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati taghna dejjem ippermettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.[2]

**8.** Fil-kors tal-kawza xehdu l-partijiet u persuni relatati maghhom. Jirrizulta wisq ovvju illi l-persuni li huma parentati mal-istess partijiet gibdu lejn il-verzjoni tal-parti li maghha huma parentati. Ghalhekk din il-Qorti tapprezza illi l-ewwel Qorti kellha taghmel ezercizzju pjuttost difficli biex tasal ghal xi tip ta' konkluzjoni. Jidher illi l-ewwel Qorti tat certu piz lix-xiehda ta' Joseph Debono, xhud

---

[1] **Joseph Vassallo Gatt nomine v. Joseph Camilleri** ***proprio et nomine*** (A.C. 26 ta' Jannar 1996).
[2] **Alfred Pisani et v. Victor Farrugia** ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

prodott mill-appellati, li qal li kien huwa li ntebah bl-atti spoljattivi. Huwa spjega li fl-1998 kien inghata permess mir-ragel ta’ Antonia Baldacchino biex juza l-istess art ghall-insib u sussegwentement anke kien jizra xi prodotti agrikoli. Huwa qal li gieli ra lil certu Carmelo fl-art in kwistjoni pero` qatt ma ra lill-appellanti. Hu jghid li l-appellati kienu jmorru fl-ghalqa regolarment. Dan hu konfermat mill-appellata Petro Lindsay Baldacchino u minn zewgha David Lindsay.

**9.** Da parti taghhom l-appellanti jghidu li minn xi snin ’l hawn huma qatt ma raw lill-appellati f’din l-ghalqa, u dan certament minn meta omm l-appellata kienet iddonat in-nofs indiviz tal-istess art lill-appellanti wliedha u dan kif jirrizulta mill-kuntratt esebit a fol. 20 sa 24 tal-process. L-istess verzjoni joffruha kemm Carmelo Amato kif ukoll Vanessa Frazier.

**10.** Ghalhekk dak li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa purament apprezzament ta’ provi li huma totalment konfliggenti ma’ xulxin. Kollox jiddependi fuq jekk effettivament l-appellati kellhomx il-pussess tal-art u kamra in kwistjoni jew le. Kif hu risaput, il-pussess huwa determinat minn diversi elementi, principali fosthom il-kontinwita`, il-pubblicita` u l-inekwovicita` tieghu. Mill-argumenti mressqa mill-appellanti jidher li huma qeghdin isostnu illi huwa certament mankanti l-element tal-kontinwita` stante li mis-sena 2000 ’l hawn l-appellati qatt ma deheru fl-art in kwistjoni, fatt totalment michud mill-appellati.

**11.** Peress li l-verzjonijiet tal-partijiet huma daqstant dijametttrikament opposti, din il-Qorti kellha tifli sew ix-xhieda prodotti. Kif gia` rilevat aktar ’il fuq, il-persuni relatati ma’ kull wahda mill-partijiet xehdu in konsonanza ma’ dak li xehdu l-partijiet infushom. Wara li din il-Qorti gharblet il-provi kollha, issib interessanti l-fatt li dak li xehdet l-appellanti Maria Grima Baldacchino fir-rigward ta’ Joseph Debono, u cioe` li l-istess xhud gie mgieghel jghid dak li qal fl-affidavit tieghu, ma sabx konfort meta l-istess Joseph Debono ha l-pedana tax-xhieda. Jirrizulta li l-istess appellanti lanqas biss ikkonfrontatu bil-verzjoni li

suppost qalilha meta kellha inkontru mieghu. Jirrizulta illi l-kontro-ezami ta' Debono kien koncentrat biss fuq dak li jaghmel u ma jaghmilx fir-raba in kwistjoni.

**12.** Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni valida ghala m'ghandhiex taghti affidament lix-xhud Joseph Debono meta fil-mument opportun l-appellanti naqsu milli jikkonfrontawh bil-verzjoni taghhom tal-fatti.

**13.** L-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-appellanti u l-appellati huma ko-pussessuri. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehdet Maria Grima Baldacchino a fol. 71 fejn qalet "*Il-kwart li ghandna ahna, li ghandi jien, il-kwart li ghandi jien kien wirt meta miet il-papa, qsamna kwart kull wiehed, jien u l-mejjet hija r-ragel ta' Antonia….*". Ghalhekk il-ko-pussess certament ma kienx kontestat da parti tal-appellanti u kwindi l-ewwel Qorti setghet serenament tasal ghall-istess konkluzjoni.

**14.** Fid-dawl tal-premess, kwalunkwe argument min-naha tal-appellanti dwar it-titolu ta' qbiela favur l-ahwa Grima Baldacchino, huwa ghal kollox superfluwu ghall-kawza odjerna, peress li f'kawza ta' spoll bhal dik odjerna hu bizzejjed li l-Qorti tistabilixxi l-pussess jew detenzjoni, ta' liema xorta jkunu, minghajr il-htiega li tindaga dwar xi titolu sottostanti dak il-pussess jew detenzjoni. Hu ghalhekk li din l-azzjoni hija kkonsidrata bhala azzjoni privileggjata ta' spoll, u kull konsiderazzjoni dwar id-dritt allegat tal-ahwa Grima Baldacchino ghandha tigi trattata u deciza f'sede ohra.

**15.** Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li xtarret ix-xiehda kollha hija wkoll konvinta, bhall-ewwel Qorti, illi l-appellati kienu ghadhom jezercitaw pussess fuq l-art u l-kamra in kwistjoni sa ftit qabel saru l-atti spoljattivi. Din il-Qorti terga' tirrileva illi ghalkemm saret allegazzjoni da parti ta' Maria Grima Baldacchino illi x-xhud Joseph Debono kien imgieghel jghid dak li qal fl-affidavit, dan bl-ebda mod ma gie ppruvat. Lanqas ma jirrizulta illi dak mahluf mill-appellata Antonia Baldacchino fl-affidavit taghha gie b'xi mod skoss mill-appellanti peress li l-kontro-ezami taghha

gie limitat biss dwar il-kuntratt ta' donazzjoni li kienet ghamlet omm ir-ragel taghha lill-appellanti ahwa Grima Baldacchino u mhux kif kienet qeghda tezercita o meno l-pussess allegat minnha.

Kwindi din il-Qorti hija konvinta li l-verzjoni tal-fatti tal-appellati ghandha iktar mis-sewwa mill-verzjoni offruta mill-appellanti.

Ghaldaqstant l-aggravji tal-appellanti qeghdin jigu michuda.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li z-zmien ta' xahar prefiss mill-ewwel Qorti ghall-fini tat-tieni talba ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------